MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2004

Ċitazzjoni Numru. 526/2002/1

**Kawza Nru:**

**Cit Nru: 526/02 JA**

**Bernardette Agius; Joseph Bartolo; Alexandra Falzon; Jane Inguanez; Catherine Micallef; Mary Grace Scerri; Therese Decelis.**

**-vs-**

**Onorevoli Prim' Ministru, Tabib Principali tal-Gvern.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fis-7 ta' Mejju, 2002 li bih l-atturi ppremettew:

Illi l-atturi huma lkoll 'enrolled nurses' impjegati mal-konvenut Tabib Principali tal-Gvern u stazzjonati fid-diversi sptarijiet u dipartimenti illi jaqghu tahat il-kompetenza tieghu – l-attrici Bernardette Agius fl-isptar San Luqa, l-attur Joseph Bartolo fl-Isptar Sir Paul Boffa, l-atturi Alexandra Falzon, Jane Inguanez, Catherine Micallef u Mary Grace Scerri mal-'Primamry Health Care Department' fid-Divizjoni tas-Sahha u l-attrici Therese Decelis fl-Isptar St. Vincent De Paule;

Illi fi zminijiet differenti fuq medda ta' numru ta' snin l-atturi lkoll kienu gew assimilati fil-grad ta' 'Enrolled Nurse' fi Skala Numru 11, u kienu gew mgharrfa b' dan ufficcjalment permezz ta' ittra mahruga mill-Ministeru tas-Sahha u ffirmata mid-Direttur tar-Rizorsi Umani illi permezz taghha, testwalment, kienu gew mgharrfa "li bhala parti mir-Riforma fis-Servizz Pubbliku, u wara li giet approvata l-Klassifikazzjoni u r-Ristrutturar tal-Gradi tal-Imfermiera, inti gejt assimilat/a fil-grad ta' Enrolled Nurse fi Skala Numru 11";

Illi l-maggor parti tal-atturi kien gew mgharrfa, in oltre, illi l-assimilazzjoni taghhom kienet qed tidhol b' effett arretrat osija retrospettiv f' certi kazijiet b' effett arretrat ossija retrospettiv ta' diversi snin;

Illi mil-mument illi l-atturi gew mgharrfa b' din l-assimilazzjoni fi Skala 11, huma naturalment bdew jaqdu dmirijiet u jassumu responsabilitajiet, inkluz f' dak illi jirrigwarda "seniority", illi kienu jirriflettu l-assimilazzjoni taghhom f' dan l-iskala tas-servizz civili, u naturalment bdew jippercepixxu paga skond din l-istess skala 11 u maz-zmien bdew ukoll jiehud l-'increments' f' din l-iskala ta' salarji;

Illi ricentement, wara t-trapass ta' dawn is-snin kollha, l-atturi gew mgharrfa illi l-assimilazzjoni taghhom fi Skala 11 kif fuq

espost kienet saret bi zball u ghalhekk gew mitluba illi jirrifondu lura l-hlas allegatament zejjed lilhom moghti per konsegwenza tal-assimilazzjoni lilhom avzata, u sahansitra sofrew anke tnaqqis mis-salarju taghhom ghal dan l-allegat hlas zejjed lilhom imhallas, liema tnaqqis gie ezegwit unilateralment mill-konvenut Tabib Principali tal-Gvern minghajr ebda konsultazzjoni jew informazzjoni;

Illi l-konvenut Tabib Principali tal-Gvern m’ ghandu ebda dritt, anke a distanza ta’ dan iz-zmien kollu, illi jhid illi l-assimilazzjoni tal-atturi saret “bi zball” ghaliex l-assimilazzjoni taghhom giet approvata mill-Kummissjoni ghas-Servizzi Pubbliku u oltre dan l-ezercizzju tal-assimilazzjoni, kif fuq spjegat, sehh fuq firxa ta’ snin u ghalhekk indubbjament kieku verament kien hemm “zball” kien hemm zmien izjed minn ampju biex l-awtoritajiet koncernati jindunaw b’ dan l-allegat “zball” izda invece, sena wara l-ohra, ghal medda ta’ mill-inqas erba’ snin shah, il-konvenut Tabib Principali tal-Gvern kompla jgharraf lill-atturi, wiehed wara l-iehor, bl-assimilazzjoni taghhom fi Skala 11 tas-Servizz Civili;

Illi d-decizjoni da parti tal-konvenuti, huma jew min minnhom, illi biha l-assimilazzjoni giet iddikjarata bhal li saret “bi zball” u per konsegwenza kienet se tigi mhassra tikkostitwixxi eghmil amministrattiv irragjonevoli, kif ukoll abbuz ta’ poter amministrattiv;

Illi l-atturi jsostnu fermement illi, fl-ewwel lok, l-assimilazzjoni taghhom fi Skala 11 saret korrettement, u mhux “bi zball” kif allegat mill-konvenut Tabib Principali tal-Gvern, u fit-tieni lok, ladarba l-assimilazzjoni taghhom giet approvata ufficcjalment tali decizjoni ma’ tistax tigi arbitrarjament u unilateralment rovexxjata jew annullata;

Illi mill-mument illi huma gew assimilati fi Skala 11, l-atturi bdew jaqdu dmirijiet u fuq kollox jassumu responsabilitajiet,

anke ghal dak li jirrigwarda 'seniority' fil-postijiet tax-xoghol rispettivi taghhom, illi kienu jirriflettu l-hatra taghhom f' din l-iskala, u ghalhekk certament illi l-konvenuti, huma jew min minnhom, ma jistghu qatt isostnu illi l-atturi inghataw xi hals zjjed ghaliex l-atturi taw servizz skond l-iskala taghhom u ghalhekk skond il-hlas illi kien qieghed jinghatalhom, u konsegwentement il-konvenuti, huma jew min minnhom, ma jistghu qatt jippretendu ebda rifuzzjoni minghand l-atturi ta' xi allegat "hlas zejjed" moghti lill-istess atturi;

Illi l-atturi kienu pprezentaw protest gudizzjarji quddiem din l-Onorabbli Qorti, ghal liema protest gudizzjarju il-konvenuti odjerni ma' pprezentaw ebda risposta;

Jitolbu lill-din l-Onorabbli Qorti ghaliex m' ghandhiex:

1. prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja, tiddikjaa illi l-assimilazzjoni tal-atturi fi Skala 11 tas-Servizz Civili kif lilhom avzata saret korrettement u skond il-Ligi;

2. tiddikkjara illi l-assimilazzjoni tal-atturi fi Skala 11 tas-Servizz Civili kif lilhom avzata ma' tistax tigi mhassra jew annullata b' ebda att amministrattiv min naha tal-konvenuti, huma jew min minnhom;

3. tiddikjara illi l-konvenuti, huma jew min minnhom, ma' ghandhom ebda dritt u ma jistghux ihassru ossija jannullaw l-assimilazzjoni tal-atturi fi Skala 11 tas-Servizz Civili u l-progressjoni illi l-istess atturi ghamlu minn dak il-mument illi fih tali assimilazzjoni dahlet fis-sehh;

4. tiddikjara illi d-decizjoni tal-konvenut, huma jew min minnhom, illi permezz taghha gie dikjara illi l-assimilazzjoni tal-atturi fi Skala 11 tas-Servizz Civili

kienet saret “bi zball” u d-decizjonijiet konsewgenti, incidentali u ancillary, ghall-imsemmija decizjoni hija irragjonevoli u/jew arbitrja u/jew ibbazata fuq konsiderazzjonijiet irrilevanti kif ukoll tikkostitwixxi abbuz ta’ poter;

5. konsegwentement thassar u tirrevoka u tikkancella d-decizjoni tal-konvneuti, huma jew min minnhom, illi permezz taghha gie dikjarat illi l-assimilazzjoni tal-atturi fi Skala 11 tas-Servizz Civili kienet saret “bi zball” u d-decizjonijiet konsegwenti, incidentali u ancillary, ghall-imsemmija decizjoni hija irragjonevoli u/jew arbitrja u/jew ibbazata fuq konsiderazzjonijiet irrilevanti kif ukoll tikkostitwixxi abbuz ta’ poter;

6. tiddikjara illi l-atturi ma rcevew ebda hlas zejjed minghand il-konvenuti izda thallsu biss tax-xoghol illi ghamlu u tar-responsabbilitajiet illi assumew skond l-iskala tas-servizz civili lilhom avzata u li fiha l-istess atturi gew assimilati mill-konvenuti nfushom;

7. konsewgentement, tiddikjara illi l-konvenuti, huma jew min minnhom, ma ghandhom ebda dritt illi jitolbu u/jew jezigu u/jew jinforzaw u/jew jippretendu ebda rifuzjoni minghand l-atturi ghal xi allegat hlas zejjed moghti lill-istess atturi;

8. tidikjara illi l-konvenuti, huma jew min minnhom, m’ ghandhom ebda dritt illi jnaqqsu s-salarju illi kienu jippercepixxu l-atturi skond l-iskala 11 tas-Servizzi Civili illi fiha huma gew assimilati u skond il-progressjonijiet maghmula mill-istess atturi in segwitu ghal din l-assimilazzjoni;

9. tordna lill-konvenuti, huma jew min minnhom, sabiex jiddezistu milli jaghmlu kwalsijasi att amministrattiv in

forza ta’ liema s-salarju percepit mill-atturi skond l-Iskala 11 tas-Servizz Civili illi fiha huma gew assimilati u skond il-progressjonijiet maghmula mill-istess atturi in segwitu ghal din l-assimilazzjoni jigi effettivament ridott;

10. tordna lill-konvenuti, huma jew min minnhom, sabiex jikkonfermaw l-assimilazzjoni tal-atturi fl-Iskala 11 tas-Servizzi Civili u l-progressjonijiet maghmula mill-istess atturi in segwitu ghal din l-assimilazzjoni;

11. tordna lill-konvenuti, huma jew min minnhom, sabiex ihallsu lill-atturi s-salarju lilhom spettanti skond l-iskala u t-targa f’ tali skala attwali taghhom qabel ma’ ie unilateralment u arbitrarjament dikjarat illi mill-istess konvenuti illi l-assimilazzjoni tal-attur fi Skala 11 tas-Serizz Civili kienet saret “bi zball”;

12. tillikwida, okkorrendo bl-opera ta’ perit komputista, it-tnaqqis effettwat mill-konvenut Tabib Principali tal-Gvern mis-salarju tal-atturi ta’ kull wiehed u wahda mill-atturi sabiex dan jitnaqqas mill-ammont pretiz mill-istess Tabib Principali tal-Gvern bhala rifuzjoni ta’ allegat hlas zejjed moghti lil kull wiehed u wahda mill-istess atturi;

13. tikkundanna lill-konvenut Tabib Principali tal-Gvern sabiex jirrifondi lil kull wiehed u wahda mill-atturi rispettivament l-ammont kif likwidat minn din l-Onorabbli Qorti riferibilment ghal kull wiehed u wahda mill-atturi;

14. tillikwida, okkorrendo bl-opera ta’ perit komputista, it-tnaqqis fis-salarju soffert minn kull wiehed u wahda mill-atturi in segwitu ghad-dikjarazzjoni tal-konvenut Tabib Principali tal-Gvern illi l-assimilazzjoni tal-atturi fi Skala 11 tas-Servizz Civili kienet saret “bi zball” u konsegwenti dimozzjoni tal-atturi ghal dik l-iskala u t-targa illi t-Tabib Principali tal-Gvern dehrlu illi kellu jnizzel lil kull wiehed u wahda mill-atturi;

15. tikkundanna lill-konvenut Tabib Principali tal-Gvern sabiex ihallas lil kull wiehed u wahda mill-atturi dik is-somma kif likwidata minn din l-Onorabbli Qorti riferibbli ghal kull wiehed u wahda mill-atturi rispettivament; u

16. taghti dawk l-ordnijiet u l-provvedimetni l-ohra kollha opportuni in segwitu ghad-dikjarazzjonijiet fuq mitluba.

Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-fuq imsemmi protest gudizzjarju kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi mahlufa minn Joseph Mary Bartolo fis-7 ta’ Mejju, 2002 u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tat-Tabib Principali tal-Gvern u tal-Priministru pprezentata fil-5 ta’ Gunju, 2002 li permezz taghha eccepew:

1. Illi preliminarjament, il-Prim’ Ministru m’ huwiex il-legittimu kontradittur ghall-azzjoni fit-termini ta’ l-Artikolu 181B tal-Kap.12.

2. Illi ukoll preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost in-nuqqas ta’ gurisdizzjoni tal-Qrati ta’ gurisdizzjoni Civili li jirrevedu l-kwistjoni dwar jekk l-atturi kellhomx dritt illi jibbenefikaw minn ‘progression’ minn skala ta’ salarju ghal ohra fis-Servizz Pubbliku jew illi jikkonfermaw din il-“progressio” ta’ l-atturi fi xi skala ta’ salarju partikolari fis-Servizz Pubbliku u dan billi d-decizjoni dwar tali ‘progression’ ta’ impjegat pubbliku minn skala ta’ salarju fis-Servizz Pubbliku ghal skala ohra ma tinkwadrax ruhha fid-definizzjoni ta’ att amministrattiv fl-Artikolu 469A tal-Kap.12 u ukoll in vista ta’ dak li jiddisponi s-subinciz (6) ta’ l-istess

Artikolu 469 A fis-sens illi s-servizz mal-Gvern huwa rapport specjali regolat bil-kundizzjonijiet minn zmien ghal zmien stabbilit mill-Gvern stess u, ukoll stante illi l-konferma ta' "progression" tkun tikkostitwixxi assunzjoni ta' funzjoni amministrattiva mill-Qorti li taqa' barra l-funzjoni gudizzjarja.

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghal premess il-"progression" fi skala ta' salarju ma hix hatra jew promozzjoni kif pretiz mill-atturi. Promozzjoni tinghata biss mill-Prim' Ministru fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku ai termini ta' l-Artikolu 110 tal-Kostituzzjoni ta' Malta izda "progression" fi skala ta' salarju ohra tikkostitwixxi biss zieda fil-paga u m' hijiex promozzjoni jew hatra u ma ssirx mill-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku izda tigi approvata mill-Kap tad-Dipartiment koncernat. Huwa car illi jekk dik il-"progression" tigi approvata f' cirkostanzi fejn l-approvazzjoni kienet saret bi zball, l-Kap tad-Dipartiment jista' ukoll jirrevoka dik il-"progression".

4. Illi ukoll subordinament u minghajr pregudizzju ghal premess, l-pretenzjonijiet ta' l-atturi fis-sens illi minhabba l-'progression' huma saru responsabbli li jaghmlu xi xoghol izjed oneruz minn dak illi kienu dovuti li jaghmlu qabel dik il-"progression" huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kemm ghax dan m' huwhiex il-kaz kif ukoll stante illi ai termini ta' l-Artikolu 78 ta' l-Ordinanza dwar il-professjoni Medika, u l-Professjoni li ghandhom x' jaqsmu maghha" )Kap.31) "… ebda nfermier iskritt (Enrolled Nurse) ma ghandu jezercita l-professjoni tieghu jekk mhux taht solveljanza ta' imfermier registrat jew taht id-direzzjoni ta' tabib,". Fil-fatt l-attui kollha kienu "Enrolled Nurses" qabel l-assimilazzjoni u baqghu "Enrolled Nurses" wara u kienu ghalhekk dejjem regolati ai termini ta' l-Artikolu precitat.

5. Illi ukoll subordinament u minghajr pregudizzju ghal premess t-talba ghar-rifuzzjoni tal-hlas maghmula mill-

Gvern fil-konfront tal-atturi hija wahda oggettivament giustifikata u ma' tikkostitwixxix abbuz ta' poter. Il-"progression" kienet saret bi zball minhabba misapplikazzjoni manifesta ta' l-Artikolu 3.1 tal-ftehim bejn il-Gvern u l-Unions dwar il-Klassifikazzjoni u r-Ristrutturar tal-klassi tal-Imfermiera ta' l-1993. Illi tahat dak il-ftehim sabiex l-atturi jkunu ntitolati ghaz-zieda fil-paga riedu jkunu "Serving Officers" fil-5 ta' mejju, 1993 cioe' d-data meta gie ffirmat l-ftehim u ried jkollhom "Nursing Service". Hadd mill-atturi ma' kien "Serving Officer" fid-data msemmija u ghalhekk huma manifest illi huma ma kienux jikkwalifikaw ghall-"proression" u li ma' kellhom ebda dritt jithallsu paga mizjuda.

6. Illi subodinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess huwa eccepit ukoll illi c-citazzjoni odjerna fiha numru kbir ta' talbiet li fi kwalunkwe kaz gew avvanzati inutilment billi jew ma' hemmz bzonnhom jew jirrigwardaw il-konsegwenza logika ta' l-implimentazzjoni ta' talbiet ohra.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti mahlufa mit-Tabib Principali tal-Gvern, Dr. John M. Cachia fil-5 ta' Gunju, 2002 u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-10 ta' Novembru, 203 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza dwar it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti.

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi din l-eccezzjoni tal-konvenuti hija fis-sens illi din il-Qorti ma' ghandhiex gurisdizzjoni biex tiddeciedi dwar it-talba attrici ghaliex il-kwistjoni jekk l-atturi kellhomx id-dritt jibbenefikaw minn 'progression' minn skala ta' salarju ghal ohra fis-servizz jew illi jikkonfermaw dik il-'progression' tal-

atturi f’ xi skala ta’ impjegat pubbliku minn skala ta’ salarju fis-servizz pubbliku ma’ tinkwadrax ruhha fid-definizzjoni ta’ att amministrattiv ai termini tal-Artiklu 469 A tal-Kapitolu 12.

Illi qabel jigi deciz dan il-punt wiehed irid jara x’ kien li ta’ lok ghall-kawza u xi qed jitolbu l-atturi. Naturalment f’ dan l-istadju wiehed ikollu jistrieh fuq l-atti tal-kawza.

Jidher li l-atturi li huma impjegati mad-Dipartiment tas-Sahha, kienu minn zmien ghal zmien assimilati fil-grad ta’ “enrolled nurses” fi skala numru 11 u kienu anke gew infurmati b’ dan mill-istess Dipartiment konvenut b’ ittra apposita. Wara xi zmien l-atturi gew mgharrfa illi l-assimilazzjoni imsemmija kienet saret bi zball u gew mitluba jirrifondu lura l-hlasijiet li sarulhom u anke tnaqqsilhom is-salarju.

Huma allura qed jitolbu dikjarazzjoni gudizzjarja illi l-assimilazzjoni taghhom kienet korretta u li l-konvenut ma’ ghandhux dritt jera lura mill-ittra tieghu u jnehhilhom fil-prattika l-promozzjoni li kienu hadu (fi kliem iehor).

Il-konvenuti isostnu li din il-lanjanza ma’ taqax tahat il-provvedimenti tal-Artiklu 469 A ghaliex ma’ taqax fid-definizzjoni ta’ eghmil amministrattiv skond l-istess artikolu. Isostnu ukoll li l-Qrati ma’ jistghux jesmainaw jew jikkonfermaw ‘progression’ kif mitlub mill-atturi ghaliex b’ dan il-mod ikunu qed usurpaw il-funzjoni tal-esekuttiv.

L-atturi pprezentaw nota ta’ l-osservazzjonijiet dettaljati u elenkaw numru ta’ sentenzi a sostenn tat-tezi taghhom ghaliex in realta huma mhumiex qed jattakaw ‘progression’ izda d-decizjoni amministrattiva li biha tali progressjoni giet irtirata.

Din il-Qorti hija tal-fehma li din it-tezi hija iktar konsona mal-principji tal-gustizzja u mal-ordinament guridiku taghna.

Mea wiehed jezamina c-citazzjoni infatti, wiehed mill-ewwel jinduna li l-atturi qed jitolbu dikjarazzjoni li l-konvenuti ma' jistghux jirtiraw il-progressjoni li gia jgawdu minnha. Il-Qorti thoss illi anke kieku din it-talba ma' tinkwadrax fid-definizzjoni tal-Artiklu 469 A dan ma jfissirx li l-Qrati ma' ghandhomx gurisdizzjoni iktar minn dak li jakkorda l-istess artiklu (ghaliex dan mhux esklussiv f' sens daqshekk gerneriku), izda fil-fehma tal-Qorti il-kawza odjerna **<u>taqa'</u>** taht id-definizzjoni tal-artilu 469A (1) (iii) u forsi anke is-subinciz iv. Dan ghaliex l-atturi qed isostnu li l-konvenut ma' kellu ebda dritt jiehu l-pass li ha u dan kwindi jista' jkun jfisser jew abbuz ta' setgha fuq konsiderazzjonijiet irrilevanti jew li l-att amministrattiv in kwistjoni b' xi mod imur kontra l-Ligi. Naturalment f' dan l-istadju wiehed qed jitkellem dejjem fuq **<u>allegazzjonijiet kontenuti fl-att tac-citazzjoni</u>** ghaliex kollox irid jigi sostnut bil-provi fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza.

L-atturi kif gia inghad indikaw numru ta' sentenzi u fil-fehma tal-Qorti l-iktar sentenzi applikabbli ghal kaz odjern huma dawk decizi fis-17 ta' Frar, 2000 fl-ismijiet ***"Caruana –vs- Kummissarju tal-Pulizija"*** u ***"Apap –vs- Kummissarju tal-Pulizija"*** li ghadhom pendenti fir-rigward tal-mertu.

Ta' min izid ukoll li konvenuti fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhom waqghu f' daqsxejn ta' kontradizzjoni ghaliex wara li nvokaw l-Artiklu 469 A fuq citat, argumentaw ukoll li dan l-Artiklu ma' japplikax ghaliex is-servizz tal-Gverna hu regolat b' kondizzjonijiet specjali.

Fil-fehma tal-Qorti ikun zball kbir li l-Qrati jirrinunzjaw ghad-dritt taghhom li jissindikaw decizjoni amministrattiva, haga li lanqas ghamluha meta ddecidew kawzi fil-konfront tal-Gvern kolonjali.

Kieku jaghmlu hekk l-amministrazzjonijiet varji ikollhom mano libera illi jiehdu decizjonijiet arbitrarji fil-konfront tac-cittadini li ghandhom ikollhom dejjem u f' kull hin il-protezzjoni tal-Qrati taghhom.

Kif inghad tajjeb minn Lord Mac Demott fil-lettura tieghu ***'Protection from Power Under English Law' (Stevens & Sons Ltd 1967)***, citata fil-kawza ***"Lowell –vs- Caruana" deciza fl-14 t' Awwissu, 1972 mill-Onor. Imhallef Caruana Curran);***

*'I pass now to the executive and the control of its powers. Here we come back to the protection of the law, for the executive is not above the law and what it does must be done in the due exercis of the powers conferred by law upon it. Parliament can make the law favour the executive and apart from what Parliament has enacted the Crown … has certain rights under the law, which are not shared by ordinary people. But whatever the law is, the executive must remain subject to it and the ordinary courts that administer it. Where the Courts cannot intervene it is because of the law and not because of the executive is out of their reach. Broadly speaking the courts will investigate and give relief in respect facts of the executive which are shown to be bad in law or to have been done without or in excess of authority ……'*

**Ghal dawn il-mottivi, il-Qorti qed tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti u tiddeciedi li l-kawza tkompli fuq il-mertu. L-ispejjez ta' din l-istanza jigu sopportati mill-konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------